

Brussell, 3 ta' Ġunju 2022  
(OR. en)

9806/22

LIMITE

JUR 376  
ENER 272  
CLIMA 256  
ENV 565

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2021/0423(COD)

---

---

## OPINJONI TAS-SERVIZZ LEGALI<sup>1</sup>

---

minn: Servizz Legali

---

Suġġett: Proposta għal Regolament dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-metan fis-settur tal-enerġija u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/942 - Bażi legali xierqa

---

### I. INTRODUZZJONI

1. F'laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Enerġija fit-28 ta' April 2022, xi delegazzjonijiet staqsew jekk l-Artikolu 194(2) TFUE, il-bażi ġuridika proposta mill-Kummissjoni għall-proposta tagħha għal Regolament dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-metan fis-settur tal-enerġija<sup>2</sup> (ir-Regolament propost), kienx adatt u suffiċjenti, b'kont meħud tal-aspetti ambjentali importanti, jew jekk l-Artikolu 192(1) TFUE, il-bażi ġuridika ambjentali, ikunx aktar adatt. Din in-nota tirriproduċi l-intervent orali tar-rappreżentant tas-Servizz Legali tal-Kunsill.

---

<sup>1</sup> Dan id-dokument fih parir legali protett taħt l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 rigward l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, u li l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ma ħariġx għall-pubbliku. Il-Kunsill jirriżerva d-drittijiet legali kollha tiegħu fir-rigward ta' kwalunkwe pubblikazzjoni mhux awtorizzata.

<sup>2</sup> [15063 2021 REV 1](#), [15063 2021 REV1 COR1](#), [15063 2021 ADD1](#), [15063 2021 ADD2](#), [15063 2021 ADD3](#)

2. Skont ġurisprudenza stabbilita sew, il-bażi ġuridika ta' att tal-Unjoni ma tiddependix fuq il-fehim ta' istituzzjoni tal-objettiv li jrid jintlaħaq, iżda trid tiġi ddeterminata skont kriterji oġġettivi li jistgħu jkunu soġġetti għal rieżami ġudizzjarju, inkluż b'mod partikolari l-għan u l-kontenut tal-miżura<sup>3</sup>. Jekk l-eżami ta' miżura juri li din għandha għan doppju jew li għandha komponent doppju u jekk wieħed minnhom jista' jiġi identifikat bħala l-għan jew il-komponent prinċipali jew predominanti, filwaqt li l-ieħor ikun biss inċidentali, dik il-miżura għandha tkun ibbażata fuq bażi ġuridika waħda, jiġifieri dik mitluba mill-għan jew mill-komponent prinċipali jew predominanti<sup>4</sup>. F'każijiet eċċezzjonali biss, jekk jiġi stabbilit li l-att għandu simultanjament għadd ta' objettivi li huma marbuta b'mod inseparabbli, mingħajr ma wieħed ikun sekondarju u indirett fir-rigward tal-ieħor, tali att jista' jkun ibbażat fuq id-diversi bażijiet ġuridiċi korrispondenti<sup>5</sup>, sakemm dawn il-bażijiet ġuridiċi ma jippreskrivux proċeduri li huma inkompatibbli ma' xulxin<sup>6</sup>.

## II. L-GĦAN U L-KONTENUT TAR-REGOLAMENT PROPOST

3. Fir-rigward tal-għan tar-Regolament propost, il-memorandum ta' spjegazzjoni jistabbilixxi l-kuntest li jispjega li "[i]l-proposta tibni fuq il-Pjan tal-Unjoni dwar il-Mira Klimatika għall-2030 u l-valutazzjoni tal-impatt tiegħu. Il-Pjan dwar il-Mira Klimatika wera, abbażi ta' xenarji mmudellati, li l-kisba ta' mira klimatika akbar ta' tnaqqis nett ta' mill-anqas 55 % tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra fl-2030 hija fattibbli u tippermetti trajettorja bla xkiel għan-newtralità klimatika fl-2050. Dan jenfasizza wkoll il-ħtieġa li jiżdied it-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-metan." (enfasi miżjuda) (p. 2)

---

<sup>3</sup> Is-sentenza tal-11 ta' Ġunju 1991, *Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill ("Diossidu tat-titanju")*, [C-300/89](#), [EU:C:1991:244](#), [punt 10](#).

<sup>4</sup> Ibid. punt 30 u s-sentenza tat-22 ta' Ottubru 2013, *Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill*, [C-137/12](#), [EU:C:2013:675](#), punt 53 u l-ġurisprudenza ċċitata.

<sup>5</sup> Is-sentenza "*Diossidu tat-titanju*", C-300/89, iċċitata aktar 'il fuq, punti 13 u 17; is-sentenza tat-23 ta' Frar 1999, *Il-Parlament vs Il-Kunsill*, [C-42/97](#), [EU:C:1999:81](#), punt 38; L-opinjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Diċembru 2001; ("*Protokoll ta' Cartagena*"), [2/00](#); [EU:C:2001:664](#); punt 23; is-sentenza tal-10 ta' Jannar 2006, *Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill ("Il-Konvenzjoni ta' Rotterdam")*, [C-94/03](#), [EU:C:2006:2](#) u s-sentenza tal-10 ta' Jannar 2006, *Il-Kummissjoni vs Il-Parlament u l-Kunsill*, [C-178/03](#), [EU:C:2006:4](#), punti 36 u 43.

<sup>6</sup> Is-sentenza "*Diossidu tat-titanju*", C-300/89, iċċitata aktar 'il fuq, punti 17 sa 21.

4. Dan jindika wkoll li "[i]l-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC) jinnota li jrid jinkiseb tnaqqis profund fl-emissjonijiet tal-metan sal-2030 sabiex id-dinja tibqa' taħt il-mira tat-temperatura globali ta' 1,5 °C (jew saħansitra ta' 2 °C) għall-2050. L-aktar rapport reċenti tal-IPCC jenfasizza r-rwol tal-metan bħala wieħed mill-gassijiet serra ewlenin responsabbli għat-tibdil fil-klima. Ir-rapport jiddeskrivi li l-livelli tal-metan huma għoljin aktar minn qatt qabel u ferm ogħla mil-livelli ta' emissjonijiet kompatibbli mal-limitazzjoni tat-tiġin għal 1,5 °C. Għalhekk hemm bżonn ta' tnaqqis qawwi, rapidu u sostnut fl-emissjonijiet tal-metan sabiex jitnaqqas it-tiġin globali u tittejjeb il-kwalità tal-arja. Huwa importanti li jiġi nnotat li r-rapport jikkonkludi li ż-żieda tal-metan fl-atmosfera hija r-riżultat tal-attività tal-bniedem u li l-fjuwils fossili kienu kontributur kbir għat-ikabbir fl-emissjonijiet tal-metan mill-anqas mill-2007, flimkien mal-agrikoltura (prinċipalment il-bhejjen) u l-ilma mormi. Il-valutazzjoni tal-impatt tal-Pjan dwar il-Mira Klimatika għall-2030 tindika li fl-UE l-aktar iffrankar kosteffettiv tal-emissjonijiet tal-metan jista' jinkiseb fis-settur tal-enerġija." (enfasi miżjuda) (p. 1)
5. Skont il-memorandum ta' spjegazzjoni (paġna 2, subparagrafu 2), "[l]-objettiv ġenerali tar-Regolament, fil-kuntest tal-funzjonament tas-suq intern għall-enerġija u filwaqt li tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista fl-Unjoni, huwa li jippreżerva u jtejjeb l-ambjent billi jnaqqas l-emissjonijiet tal-metan mill-enerġija fossili prodotta jew ikkonsmata fl-Unjoni." (enfasi miżjuda)
6. Il-premessi tar-Regolament propost jirriflettu dan l-għan. Il-premessa 1 tispjega li "[i]l-metan, il-komponent ewlieni tal-gass naturali, huwa t-tieni biss wara d-diossidu tal-karbonju fil-kontribut ġenerali tiegħu għat-tibdil fil-klima u huwa responsabbli għal madwar terz tat-tiġin attwali." Għaldaqstant, kif espress fil-premessa 68, l-objettiv ta' dan ir-Regolament huwa "l-kejl, ir-rapportar, il-verifika akkurati u t-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-metan fis-settur tal-enerġija".

7. Għadd kbir ta' premissi oħra, għalkemm xi wħud aktar direttament minn oħrajn, jirriflettu tħassib ambjentali:
- premessa 3: "*Skont stimi reċenti mill-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent u mill-Koalizzjoni għall-Klima u l-Arja Nadifa, it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-metan b'45 % sal-2030, abbażi ta' miżuri mmirati disponibbli u miżuri addizzjonali f'konformità mal-għanijiet ta' żvilupp prijoritarju tan-Nazzjonijiet Uniti ("NU"), jista' jevita 0,3 °C ta' tisħin globali sal-2045.*"
  - premessa 6: "*L-emissjonijiet tal-metan huma inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-miri tal-Unjoni għat-tnaqqis tal-gassijiet serra għall-2030 stabbiliti fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima u l-miri nazzjonali vinkolanti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet skont ir-Regolament (UE) 2018/842. Madankollu, bħalissa ma hemm l-ebda qafas legali fil-livell tal-Unjoni li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet antropoġeniċi tal-metan fis-settur tal-enerġija. Barra minn hekk, filwaqt li d-Direttiva 2010/75 dwar l-emissjonijiet industrijali tkopri l-emissjonijiet tal-metan mir-raffinar taż-żejt minerali u tal-gass, din ma tkoprix attivitajiet oħrajn fis-settur tal-enerġija.*"
  - premessa 18: "*Bħala parti mill-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) u l-Ftehim ta' Pariġi, l-Unjoni hija meħtieġa tipprovdi kull sena rapport ta' inventarju tal-emissjonijiet antropoġeniċi tal-gassijiet serra li jikkostitwixxi aggregat tal-inventarji nazzjonali tal-Istati Membri dwar il-gassijiet serra, imħejji bl-użu ta' metodoloġiji ta' Prattika tajba aċċettati mill-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC).*"
  - premessa 20: "*Id-data tal-pajjiżi rapportata skont id-dispożizzjonijiet ta' rapportar tal-UNFCCC tiġi sottomessa lis-segretarjat tal-UNFCCC skont gradi differenti ta' rapportar f'konformità mal-linji gwida tal-IPCC. F'dan il-kuntest, l-IPCC ġeneralment jissuġġerixxi l-użu ta' metodi ta' grad oġhla għal dawk is-sorsi ta' emissjonijiet li għandhom influwenza sinifikanti fuq l-inventarju totali ta' gassijiet serra ta' pajjiż f'termini ta' livell assolut, xejra jew inċertezza.*"

- premessa 26: "*Dan ir-Regolament jibni fuq il-qafas OGMP 2.0 sa fejn jissodisfa l-kriterji msemmija fil-Premessi 24 u 25, sabiex jikkontribwixxi għal għbir ta' data affidabbli u robusta li tiffirma bażi suffiċjenti għall-monitoraġġ tal-emissjonijiet tal-metan u jekk ikun meħtieġ sabiex tinbena azzjoni addizzjonali sabiex jitnaqqsu aktar l-emissjonijiet tal-metan.*"
  - premessa 52: "*L-effetti tat-tisħin globali kkawżati mill-emissjonijiet tal-metan huma transfruntiera*".
8. F'termini ta' kontenut, ir-Regolament propost jistabbilixxi regoli għall-kejl, ir-rapportar u l-verifika akkurati tal-emissjonijiet tal-metan fis-settur tal-enerġija fl-Unjoni, għat-tnaqqis ta' dawk l-emissjonijiet permezz ta' sħarriġ obligatorju dwar id-detezzjoni u t-tiswija tat-tnixxijiet u restrizzjonijiet fuq l-ivventjar u l-ivvampjar, u biex tiġi żgurata t-trasparenza dwar l-emissjonijiet tal-metan relatati mal-enerġija fossili importata fl-Unjoni. F'dak li għandu x'jaqsam mal-kamp ta' applikazzjoni materjali, ir-Regolament propost japplika għall-emissjonijiet tal-metan fis-setturi taż-żejt, tal-gass u tal-faħam. (Artikolu 1 "Suġġett u kamp ta' applikazzjoni").
9. Ir-Regolament propost jibni fuq it-tliet pilastri tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar strateġija tal-UE biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-metan<sup>7</sup>:
- a) Dan jimponi obbligi ta' kejl, rapportar u verifika (MRV) fuq is-sorsi kollha tal-emissjonijiet tal-metan fil-komponenti tas-settur tal-enerġija tal-UE (l-Artikoli 12, 20 u 25) fl-ambitu tal-operazzjonijiet tagħhom.
  - b) Jimponi obbligi biex jiġu mmitigati u mmonitorjati l-emissjonijiet tal-metan (l-Artikoli 13, 22 u 26):
    - L-operaturi tal-UE għandhom iwettqu sħarriġ frekwenti dwar id-detezzjoni u t-tiswija ta' tnixxijiet tal-komponenti rilevanti kollha fl-ambitu tal-operazzjonijiet tagħhom (l-Artikolu 14(1) sa (3));
    - L-obbligu ta' tiswija immedjatament jew mill-aktar fis possibbli (l-Artikolu 14(4));

---

<sup>7</sup> [COM\(2020\)633](#)

- L-obbligu ta' monitoraġġ kontinwu tal-komponenti li jkunu qed inixxu (l-Artikolu 14(5) sa (7));
  - Projbizzjoni fuq l-ivventjar u l-ivvampjar ta' rutina, ħlief f'ċirkostanzi eċċezzjonali (l-Artikoli 15 sa 17, 22, 23 u 26(2));
  - L-obbligu fuq l-Istati Membri biex jiżviluppaw u jimplimentaw pjanijiet ta' mitigazzjoni għal bjar inattivi u jnaqqsu immedjatament l-emissjonijiet permezz tad-detezzjoni u t-tiswija obligatorji ta' tnixxijiet kif ukoll projbizzjoni fuq l-ivventjar u l-ivvampjar (l-Artikoli 18 u 26).
- c) Dan jippreżenta diversi strumenti għat-titjib tal-informazzjoni dwar l-emissjonijiet tal-metan relatati mal-enerġija fossili importata:
- L-obbligu għall-importaturi li jipprovdu informazzjoni dwar il-monitoraġġ, ir-rapportar u l-verifika u l-miżuri ta' mitigazzjoni [Kapitolu 5, Artikolu 27];
  - Il-bażi tad-*data* dwar it-trasparenza tal-metan għal informazzjoni dwar l-obbligi ta' rapportar internazzjonali tal-pajjiżi esportaturi [Kapitolu 5, Artikolu 28];
  - L-Osservatorju Internazzjonali tal-Emissjonijiet tal-Metan [Kapitolu 2, Artikolu 10];
  - Għodda ta' monitoraġġ globali li turi d-daqs, ir-rikorrenza u l-post tal-emittenti tal-metan [Kapitolu 5, l-Artikolu 29];
  - Id-djalogi bilaterali ma' pajjiżi li jipproduċu l-enerġija fossili li juru emissjonijiet oġhla tal-metan [Kapitolu 5, Artikolu 29].
10. Skont l-għan u l-kontenut tiegħu, kif jidher mill-formulazzjoni effettiva tiegħu, ir-Regolament propost għalhekk jikkonċerna tnaqqis fl-emissjonijiet tal-metan fis-settur tal-enerġija madwar l-Unjoni minħabba l-impatt ta' dawn l-emissjonijiet tal-metan fuq il-klima, b'mod partikolari fil-kuntest tal-emerġenza klimatika u l-mira tal-Unjoni għan-newtralità klimatika.

### III. VALUTAZZJONI LEGALI

11. Mill-analiżi fil-paragrafi 3 sa 10 hawn fuq, jirriżulta li r-Regolament propost huwa maħsub biex jikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-metan fis-settur tal-enerġija u għall-parteċipazzjoni fil-għlieda kontra t-tibdil fil-klima, b'mod partikolari fil-kuntest tal-emerġenza klimatika u l-mira tal-Unjoni għan-newtralità klimatika. Għalhekk huwa ċar li l-għan predominanti tar-Regolament propost huwa li jikkontribwixxi għall-għlieda kontra t-tibdil fil-klima, li huwa wieħed mill-obiettivi ewlenin tal-politika ambjentali skont l-Artikolu 191 TFUE.
12. Il-bażi ġuridika ambjentali, l-Artikolu 192(1) TFUE, hija l-bażi ġuridika ewlenija biex tittieħed deċizzjoni dwar l-azzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni sabiex jinkisbu l-obiettivi msemmija fl-Artikolu 191 TFUE, jiġifieri s-salvagwardja, il-ħarsien u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent, il-ħarsien tas-saħħa tal-bniedem, l-użu għaqli u razzjonali tar-riżorsi naturali, il-promozzjoni ta' miżuri fil-livell internazzjonali sabiex jittrattaw problemi ambjentali reġjonali jew globali, u b'mod partikolari li jiġġieldu l-bidla fil-klima. Kif iddikjarat mill-Qorti tal-Ġustizzja, l-Artikolu 192(1) TFUE "*huwa intiż sabiex jagħti lill-Unjoni Ewropea rwol fil-konservazzjoni tal-ambjent u l-għlieda kontra t-tibdil fil-klima*"<sup>8</sup>.
13. Filwaqt li m'hemmx dubju li l-impożizzjoni ta' obbligi fuq l-Istati Membri biex ikejlu, jimmonitorjaw, jimmitigaw u jtejbu l-informazzjoni dwar l-emissjonijiet tal-metan jista' jkollha effett fuq il-funzjonament tas-suq intern tal-enerġija, madankollu, jibqa' l-fatt li l-għan speċifiku tar-Regolament propost huwa li jippermetti lill-Unjoni Ewropea ssegwi l-għan li tiġġield it-tibdil fil-klima u tilħaq in-newtralità klimatika, abbażi tal-fatt li l-metan huwa t-tieni biss wara d-diossidu tal-karbonju fil-kontribut ġenerali tiegħu għat-tibdil fil-klima u huwa responsabbli għal madwar terz tat-tisħin globali attwali. Ma jistax jiġi dedott, mill-fatt li r-Regolament propost huwa limitat għas-settur tal-enerġija, jew li għandu effett fuq is-suq tal-enerġija, li jista' awtomatikament jitqies bħala miżura dwar il-politika tal-enerġija skont it-tifsira tal-Artikolu 194 TFUE<sup>9</sup>.

---

<sup>8</sup> Is-sentenza tal-21 ta' Ġunju 2018, C-5/16, *Il-Polonja vs Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill*, EU:C:2018:483, punt 43.

<sup>9</sup> Fuq l-istess nota, ara r-raġunament tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha tas-6 ta' Mejju 2014, *Il-Kummissjoni vs Il-Parlament u l-Kunsill*, [C-43/12](#), EU:C:2014:298.

14. L-eżami tal-għan u l-kontenut tar-Regolament propost li sar hawn fuq jikkonferma li l-obbligi dwar il-monitoraġġ, ir-rapportar u l-mitigazzjoni jipprovdu l-mezzi biex jintlaħaq l-oġġettiv tal-għieda kontra t-tibdil fil-klima. Għalhekk, il-bażi ġuridika korretta u suffiċjenti għar-Regolament propost hija l-Artikolu 192(1) TFUE, peress li kemm l-għan kif ukoll il-kontenut tiegħu huma relatati primarjament mal-oġġettivi tal-politika ambjentali tal-UE. F'dan ir-rigward, għe osservat ukoll li r-Regolament propost ma jimpedixx lill-Istati Membri milli jmorru lil hinn fl-ilħuq tal-oġġettivi tal-protezzjoni ambjentali, skont l-Artikolu 193 TFUE<sup>10</sup>.
15. Madankollu, il-Kummissjoni bbażat ir-Regolament propost fuq l-Artikolu 194(2) TFUE. Dik id-dispożizzjoni tikkostitwixxi bażi ġuridika għall-miżuri meħtieġa biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-politika tal-enerġija stabbiliti fl-Artikolu 194(1) li jaqra:

*"Fil-kuntest tal-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern u b'kont meħud tal-ħtieġa ta' preservazzjoni u titjib tal-ambjent, il-politika tal-Unjoni fil-qasam tal-enerġija għandha timmira li, fi spirtu ta' solidarjetà bejn l-Istati Membri: (a) tassigura il-funzjonament tas-suq tal-enerġija; (b) tassigura s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija fl-Unjoni; (c) tippromwovi l-effiċjenza fl-enerġija u l-iffrankar fl-użu tal-enerġija kif ukoll l-iżvilupp ta' forom ta' enerġija ġodda u rinnovabbli; u (d) tippromwovi l-interkonnessjoni ta' netwerks tal-enerġija."*

16. Il-memorandum ta' spjegazzjoni jiġġustifika l-użu tal-Artikolu 194 TFUE fil-paġna 5 kif ġej:

*"Il-bażi ġuridika ta' din l-inizjattiva hija l-Artikolu 194(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li jagħti s-setgħa lill-Unjoni li tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa sabiex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Unjoni fir-rigward tal-politika dwar l-enerġija. Il-proposta tikkonċerna s-settur tal-enerġija biss u tikkontribwixxi għall-oġġettivi tal-politika tal-enerġija tal-Unjoni kif deskritti fl-Artikolu 194(1), b'mod partikolari l-funzjonament tas-suq tal-enerġija billi tarmonizza r-regoli dwar il-monitoraġġ, ir-rapportar u t-tnaqqis tal-metan, li jikkontribwixxu għall-preservazzjoni u t-titjib tal-ambjent."*

17. Il-ġustifikazzjoni tal-għażla tal-bażi ġuridika li tidher fil-memorandum ta' spjegazzjoni hija doppja: l-ewwel nett, il-proposta tiżgura l-funzjonament tas-suq tal-enerġija skont l-Artikolu 194(1)(a) billi tarmonizza r-regoli dwar il-monitoraġġ, ir-rapportar u t-tnaqqis fir-rigward tal-metan u, it-tieni nett, hija limitata għas-settur tal-enerġija.

---

<sup>10</sup> Ara pereżempju l-premessa 33, li tirreferi għall-armonizzazzjoni minima.

18. Fir-rigward tal-ewwel ġustifikazzjoni, għandu jiġi indikat li m'hemm l-ebda referenza għall-funzjonament tas-suq tal-enerġija f'xi premessa jew Artikolu tar-Regolament propost. L-unika referenza għal dimensjoni transfruntiera tinsab fil-premessa 52, li tgħid li "[I]-effetti ta' tisħin globali kkawżati mill-emissjonijiet tal-metan huma transfruntiera". Min-naħa l-oħra, mill-analiżi tal-għan u l-kontenut tagħha jidher li l-proposta tindirizza t-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-metan fil-kuntest tat-tibdil fil-klima. L-effetti tagħha fuq il-funzjonament tas-suq intern tal-enerġija huma anċillari.
19. Huwa minnu li l-Artikolu 34 tar-Regolament propost jemenda l-Artikolu 15 [tar-Regolament \(UE\) 2019/942<sup>11</sup>](#) dwar l-ACER, li huwa bbażat fuq l-Artikolu 194(2) TFUE, billi jżid il-paragrafu 5 li ġej:

*'5. Kull tliet snin, l-ACER għandha tistabbilixxi u tagħmel disponibbli għall-pubbliku sett ta' indikaturi u valuri ta' referenza korrispondenti għat-tqabbil tal-kostijiet ta' unità ta' investiment marbuta mal-kejl, ir-rapportar u t-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-metan għal proġetti komparabbli. Hija għandha toħroġ rakkomandazzjonijiet dwar l-indikaturi u l-valuri ta' referenza għall-kostijiet ta' unità tal-investiment għall-konformità mal-obbligi skont [dan ir-Regolament] skont l-Artikolu 3 ta' [dan ir-Regolament]'.*

Din id-dispożizzjoni tirrifletti l-Artikolu 3 tar-Regolament propost li jirrikjedi li l-awtoritajiet regolatorji jqisu l-kostijiet imġarrba u l-investimenti magħmula għall-konformità mal-obbligi skont ir-Regolament propost meta jistabbilixxu jew japprovaw it-tariffi ta' trażmissjoni jew distribuzzjoni jew il-metodoloġiji.

20. Madankollu, dawn id-dispożizzjonijiet, li jiddeterminaw kif għandhom jiġu ffinanzjati l-kostijiet marbuta mal-miżuri li għandhom jittieħdu sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-metan, huma anċillari u ma jeħtiġux bażi ġuridika speċifika dwar l-enerġija.

---

<sup>11</sup> ĠU L 158, 14.6.2019, p.22–53.

21. Fir-rigward tat-tieni ġustifikazzjoni, għalkemm il-miżuri nfushom tabilħaqq jappartjenu għas-settur tal-enerġija, jibqa' l-fatt li l-għan ewlieni tal-proposta huwa li tikkontribwixxi għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima billi tnaqqas l-emissjonijiet tal-metan fis-setturi taż-żejt, tal-gass u tal-faħam. Il-fatt li l-kontenut tal-miżuri huwa relatat mal-enerġija huwa inerenti għan-natura tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, li teħtieġ azzjoni f'firxa ta' oqsma biex jiġi żgurat tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gass. L-użu jew iż-żieda sistematiċi, f'każijiet bħal dawn, tal-bażijiet ġuridiċi rilevanti għall-qasam ta' politika msemmi jagħmlu l-bażi ġuridika ambjentali, u b'mod aktar speċifiku, l-objettiv tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, mingħajr skop<sup>12</sup>. Din hija l-pożizzjoni li diġà ttieħdet mis-Servizz Legali tal-Kunsill fir-rigward tal-Fond Soċjali għall-Klima<sup>13</sup>.
22. F'konformità ma' dan ir-raġunament, il-paragrafu 2 tal-Artikolu 194 TFUE jindika li din id-dispożizzjoni għandha tintuża bħala bażi ġuridika "*mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet oħra tat-Trattati*".
23. F'dan il-kuntest, ta' min jinnota li r-regoli tal-Unjoni dwar il-Monitoraġġ, ir-Rapportar u l-Verifika tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> fis-settur marittimu, ir-Regolament (UE) 2015/757<sup>14</sup>, ġew adottati abbażi tal-Artikolu 192(1) dwar il-politika ambjentali. Għalkemm huma relatati biss mas-settur marittimu, dawk ir-regoli ma ġewx adottati bl-użu tal-bażi ġuridika tat-trasport li tinsab fl-Artikolu 100(2) TFUE.

---

<sup>12</sup> Ara, f'sens simili, l-Opinjoni 2/00, "*Il-Protokoll ta' Cartagena*", iċċitata aktar 'il fuq, punt 40, "*Kieku kellha tiġi aċċettata, l-interpretazzjoni tal-Kummissjoni tneħħi l-parti l-kbira tas-sustanza tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tat-Trattat dwar il-politika tal-protezzjoni tal-ambjent, billi, malli jiġi stabbilit li l-azzjoni Komunitarja jista' jkollha riperkussjonijiet fuq il-kummerċ, il-ftehim prospettat ikollu għalhekk jitqiegħed fil-kategorija ta' ftehim li jaqgħu taħt il-politika kummerċjali komuni. F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li l-politika ambjentali tissemma espliċitament fl-Artikolu 3(1)(l) KE, bl-istess mod bħall-politika kummerċjali komuni, li għaliha ssir referenza fl-Artikolu 3(1)(b)*".

<sup>13</sup> Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 25 fl-Opinjoni tas-Servizz Legali tal-Kunsill, dok. ST 7007/22.

<sup>14</sup> ĠU L 123, 19.5.2015, p. 55.

24. Dan ifisser li l-Artikolu 194(2) TFUE, propost mill-Kummissjoni, mhuwiex il-bażi ġuridika korretta għar-Regolament propost. Billi r-Regolament propost għandu għan ambjentali fil-parti l-kbira tiegħu u ma jsegwix simultanjament għadd ta' objettivi marbuta b'mod inseparabbli, mingħajr ma wieħed ikun sekondarju u indirett fir-rigward tal-ieħor, l-użu tal-Artikolu 192(1) TFUE huwa biżżejjed u l-ebda bażi ġuridika oħra mhija meħtieġa.

#### **IV. KONKLUŻJONIJIET**

25. Bħala konklużjoni, is-Servizz Legali tal-Kunsill huwa tal-opinjoni li:
1. Ir-Regolament propost huwa miżura sabiex jintlaħqu l-objettivi ambjentali stabbiliti fl-Artikolu 191 TFUE, b'mod partikolari dawk tas-salvagwardja, il-ħarsien u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent u tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima;
  2. ir-Regolament propost huwa għalhekk miżura ambjentali li tkopri l-emissjonijiet tal-metan fis-settur tal-enerġija u l-bażi ġuridika korretta u suffiċjenti għall-adozzjoni tiegħu hija l-Artikolu 192(1) TFUE.
  3. L-Artikolu 194(2) TFUE, propost mill-Kummissjoni, mhuwiex il-bażi ġuridika korretta għar-Regolament propost.